**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 458/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Keith Mallia**

**Illum 25 t'Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Mallia ta' 32 sena, u detentur tal-karta tal-identita' 207484(M).

Akkuzat talli:

1. Bejn it-2 u t-3 ta' Jannar 2016 ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti ohra minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Steve Stationery' sitwat gewwa Triq Anton Buttigieg, il-Hamrun, liema serq sar ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' xi persuna/i, u/jew ta' xi entita' u/jew entitatjiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

2. U aktar talli fl-istess data u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro

(€2500) u li saret ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' xi persuna/i, u jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hals ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 30 ta' Novembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, dettalji personali, current incident report datat 14 ta' Awwissu, 2016 u l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' PS 827 Edward Grech li esebixxa Dok EG, Stephen Galea li esebixxa Dok SG u l-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Attard li esebixxiet Dok MA u Dok MA1.

Nhar it-30 ta' Novembru 2016 xehed PS 827 Edward Grech fejn stqarr li nhar it-3 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' xi l-5am kien infurmah certu Stephen Galea, li huwa l-propjetarju ta' Steve's Stationery, li matul il-lejl ta' qabel kien hemm xi persuni mhux maghrufa li kienu sgassawlu l-hanut, faqghulu l-bieb tal-*aluminium* u dahlu gol-hanut tieghu u hadulu l-ammont ta' mitejn ewro (€200) kif ukoll disa' (9) grossos sigaretti li kienu bejn Rothmans homor, Rothmans Blue u Royals Blue. Huwa mar fuq il-post u kkonferma dak kollu li kien ghadu kif qallu Stephen Galea. Huwa nnota li kien hemm xi tracci ta' demm u nforma lill-Ispettur Edel Camilleri fejn infethet inkjesta mill-Magistrat

Donatella Dimech. PS 827 Edward Grech esebixxa *current incident report* immarkat bhala Dok EG.

Stephen Galea xehed li huwa l-propjetarju ta' Steve Stationery, sitwat gewwa 31, Triq Anton Buttigieg, il-Hamrun u li kienu dahlulu fil-hanut f'Jannar 2016 billi sgassawlu x-shutter. Huwa nduna b'dan fl-4.30-4.45am ta' filghodu fejn huwa sab ix-shutter u l-hgieg tal-bieb imkisser, liema hsara tammonta ghal xi sebghin ewro (€70). Huwa stqarr li kienu serqulu kaxxa tal-Macintosh li kien fiha mal-mitejn ewro (€200) u erbgha (4) grossos sigaretti Royals Blue, tlieta (3) Rothmans homor u tlieta (3) Rothamns Blue li l-valur taghhom huwa ta' bejn wiehed u iehor hames mitt ewro (€500). Stephen Galea esebixxa Dok SG liema dokumenti juru l-valur tal-oggetti li nsterqulu u l-valur tal-hsara li sofra. Huwa ddikjara li mill-affarijiet li nsterqulu ma gie rritornat xejn luru u li qatt ma kien ra lill-imputat qabel u li ma jarfux.

Nhar il-11 ta' Lulju 2017 xehdet l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard fejn esebixxiet Social Enquiry Report fil-konfront ta' Keith Mallia li huwa mmarkat bhala Dok MA. Fih hija kkummentat li Keith Mallia m'huwiex idoneju ghas-servizz fil-komunita' ghaliex ghandu problema ta' dipendenza fid-droga. Ghalkemm kien ilu madwar xahar izomm lura mid-droga, il-problema ma jidhirx li kienet qed tigi ndirizzata, filwaqt li fil-passat kien hemm diversi relapses u tentattivi sabiex jindirizza l-problema. L-ahhar test li sarlu kien fit-22 ta' Gunju 2017. Hija ziedet tghid li l-attendenza tieghu kienet wahda rregolari ferm u li l-kampjuni tal-urina li ghandha huma kollha fin-negattiv. Ghalhekk hija sostniet li dan juri nuqqas ta' mpenn, nuqqas ta' affidabilita' biex wiehed jafdah biex jaghmel servizz fil-komunita'.

Nhar it-22 ta' Marzu, reghet xehdet Marilyn Attard, fejn l-Ispettur Robert Vella staqsiha x'tissugerixxi li ghandu jsir minn issa l-quddiem, in vista tal-konkluzjoni fejn hija kellha ndikat il-pjan ta' kura. Hija kkonfermat li sa dak iz-zmien Keith kellu problema ta' dipendenza ta' droga, pero' minn dak iz-zmien sa' dakinhar hija kienet waqfet issegwi lil Keith Mallia ghaliex ma kellix ordnijiet ulterjuri sabiex tibqa ssegwih jew taghmel update tar-rapport.
Nhar is-27 ta' Settembru, Marilyn Attard ipprezentat rapport immarkat bhala Dok MA1 fejn hija stqarret li huwa kien attenda b'mod regolari u pprovda diversi kampjuni tal-

urina nodfa mid-droga, pero' x-xoghol fil-komunita' mhux idoneju ghalih. Dan ghaliex l-ewwelnett huwa ghadu qed jiehu l-methadone u l-pattern tieghu dejjem ikun hemm relapse u t-tieni ghaliex huwa ma jridx jaghmel xoghol minghajr hlas u minnflok jippreferi l-hin iqattghu ifittex xoghol bi dhul finanzjarju.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-11 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi migjuba u in vista tal-ammissjoni registrata mill-imputat, il-Qorti ssib lill-istess imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-fini ta' piena, il-Qorti qed tikkunsidra min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali aggornata tieghu li fiha kundanna ohra in konnessjoni ma' reat li jinvolvi wkoll serq u hsara volontarja, dwar liema reat l-imputat ga wehel sentenza sospiza, izda s-sentenza nghatat wara d-data ta' dawn ir-reati hawn fuq imsemmija. Rigward l-addebitu tar-recidiva l-Qorti ma tistax tqis lill-imputat bhala recidiv u dan peress li ma gewx ezebiti s-sentenzi li kellu l-imputat fil-passat. Ghalhekk fic-cirkostanzi anke wara li semghet lill-probation officer Marilyn Attard tixhed ma tarax li *probation order* tkun flokha fis-sitwazzjoni, l-Qorti thoss li sentenza sospiza tkun iktar idoneja biex forsi l-imputat joqghod il-boghod mill-vizzji l-hziena u jiehu din l-opportunita' li qed ittih din il-Qorti sabiex jirriforma ruhhu.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija. Kwantu ghall-piena wara li rat l-Artikoli 28A(1) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija m'ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-hati r-responsabbilita' tieghu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz li hu jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**